MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2012

Appell Civili Numru. 107/2009/1

**Talba Numru:107/2009 GMA**

**George Baldacchino**

**vs**

**Liliana *sive* Emanuela Cauchi**
**u Lawrence Cauchi**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fit-13 ta' Lulju 2011 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***"It-Tribunal,***

*Ra l-Avviz tal-attur fejn talab lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' tlett elef, mija tmienja u*

*hamsin ewro, tlieta u sittin centezmi (€3,158.63) jew ammont verjuri, liema ammont ma jeccedix is-somma ta' tlett elef erba' mija u disghin ewro (€3,490), rapprezentanti bilanc dovut ghal xoghol ta' kostruzzjoni u xoghlijiet ohra ancillari ezegwiti mill-attur u kif ukoll ghal materjal minnu supplit u dan fuq l-inkarigu tal-konvenuti, liema xoghlijiet u materjal gew accettati mill-konvenuti.*

*Bl-ispejjez u bl-imghax ulterjuri mid-data ta' meta kien dovut il-pagament sad-data tal-pagament effettiv.*

*Ra r-risposta tal-konvenuti li eccepew illi t-talbiet attrici huma intempestivi fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez kontra l-istess attur.*

*Illi, di piu', filwaqt li dawn il-proceduri huma intempestivi, qed jirrizulta li fil-fatt l-attur u dan minghajr pregudizzju, mhux biss ma riedx jaghti stima u/jew rendikont tal-ispejjez,*
*imma qed jitlob hlas eccessiv.*

*Illi di piu' u minghajr pregudizzju qed jitlob hlas ta' xoghol li m' ghamilx kif ukoll ta' xoghol li hu difettuz u mhux skont is-sengha u l-arti.*

*Salv ecezzjonijiet ulterjuri.*

*Ra x-xhieda tal-attur li sar jaf lill-konvenuta tramite huha, li kien habib tieghu. Kien iltaqa' mal-konvenuta peress li riedet taghmel xi xoghlijiet fid-dar taghha, li kienet dar antika. Kien fetah xi hnejjiet u ghamlu karma tal-banju gdida u kien thallas. Imbaghad il-konvenuta kienet talbitu li jaghmel aktar xoghlijiet. Riedet tnehhi l-hamrija mill-gnien u taghmel il-konkos. L-attur jikkonferma li kien dam jahdem hmistax-il gurnata jnehhi l-hamrija u mbaghad kien lesta t-trinek, kif ukoll t-torba u x-xibka, sabiex imbaghad jitpogga l-konkos.*

*L-attur ighid li ma kienux ftehmu a bazi ta' xi stima u lanqas gie mitlub jaghti stima. Kien hemm xi xoghol li ma kienx jaf x'ser jirrikjedi bhat-tnehhija tal-hamrija u ghalhekk kien zamm nota, sabiex fl-ahhar ghamel il-kont*

*finali. Il-kont baqa' tiela' ghaliex il-konvenuta baqghet taghmel xi ordnijiet. Kien ighidilhom dwar l-ammonti li kien hemm ghax-xoghlijiet, izda qatt ma talbuh rendikont u kien biss meta hareg il-kont finali li talbuh rendikont dettaljat. Qatt ma lmentat ghax-xoghol tieghu.*

*Ighid li kien hemm zewg pagamenti ta' erba' mitt lira Maltin (Lm400) u cioe' ekwivalenti ghal disa' mija u wiehed u tletin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€931.75), kif ukoll pagament iehor ta' tliet mitt lira Maltin (Lm300) u cioe' ekwivalenti ghal sitt mija u tmienja u disghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81) u dawn kienu thallsu minn xi sussidju li kienu hadu minghand il-Gvern. L-inkwiet beda meta kien tah il-kont tax-xoghlijiet li kien ghamel. Il-konvenuti kienu talbuh biex jieqaf milli jahdmilhom.*

*Kien ghad fadallu xi xoghlijiet fil-bitha u cioe' t-tikhil u t-tqeghid tal-madum.*

*Ighid ukoll li kien hallas il-konkos, ir-ramel, izda ma kienx hallas il-madum.*

*Il-konvenuti ma hallsux u dam jigri warajhom u meta baqghu ma hallsux kellu jiehu parir minghand avukat. L-ammont dovut kien ta' elf tliet mija sita u hamsin lira Maltin (Lm1,356) u cioe' ekwivalenti ghal ta' tliet elef, mija tmienja u hamsin ewro, tlieta u sittin centezmi (€3,158.63).*

*L-ittra mill-avukat tal-attur intbaghtet fit-13 ta' Ottubru 2008 u ftit wara kienet saret laqgha mal-konvenuti, fejn wieghdu li ser ihallsu, izda xorta wahda baqghu ma hallsux. Il-konvenuta ma rieditx tinkariga s-servizzi ta' avukat u kienu attendew ghal laqgha. Il-konvenuta kienet talbet l-ircevuti, izda l-attur ma setax ighaddihom kopja peress li ma kellux ircevuti ghax minghand min kien jixtri kien jahdem bi tpartit, fis-sens li hu jaghti s-servizzi tieghu, u jiehu l-materjal bhala pagament.*

*Kien ssuggerilhom li jinkarigaw is-servizzi ta' Perit, jekk kellhom xi problemi, izda qatt ma gabuh.*

*Kien mar l-ahhar darba u kien inqala' l-inkwiet u kien ghalhekk li l-attur rega' ha parir minghand l-avukat li baghat ittra fid-9 ta' Dicembru 2008 u mbaghad kellu jiftah l-kawza.*

*Ra x-xhieda ta' Liliana Cauchi li tikkonferma li l-attur kien mar ghandhom biex jaghtihom stima tax-xoghlijiet li riedu jaghmlu u l-ewwel stima li tawhom kienet ta' seba' mija u hamsin lira Maltin (Lm750) u cioe' ekwivalenti ghal elf, seba' mija u sebgha u erbghin ewro u tliet centezmi (€1,747.03). Ix-xoghol kien jikkonsisti fi ftuh ta' arkata, jinghalqu zewg bibien fil-kamra tal-banju u minflok tinfetah tieqa.*

*Kienet ordnat xi xoghlijiet ohra u kienet talbet lill-attur sabiex itiha stima u kien dejjem jiccajta u qatt ma tawhom stima.*

*Kienet titolbu l-ircevuti u minkejja li kien iwieghdhomlha qatt ma rat ircevuti. Kienu hallsuh seba' mitt lira Maltin (Lm700) u cioe' ekwivalenti ghal elf, sitt mija u tletin ewro u sitta u hamsin centezmu (€1,630.56) ohra.*

*Il-konvenuta tinsisti li l-attur ma kienx lesta l-bitha. Fil-kamra tal-banju, il-fili ma kienux imkahhlin. Il-madum li kien pogga kien jiccaqlaq u kien waqa' martell fuq zewg madumijet, li kienu nkissru, izda qatt ma biddilhom.*

*L-istima kienet ta' elf seba' mija tlieta u erghin lira Maltin (Lm1,743) u cioe' ekwivalenti ghal erba' t'elef u sittin ewro u ghaxar centezmi (€4,060.10) huma rawh esagerat u kien ghalhekk li kienet tkellmet mal-Perit sabiex jara x-xoghlijiet li kien hemm. Tghid li l-Perit Bartoli kienet inkarigatu sabiex jaghtiha stima tax-xoghlijiet li ghamel l-attur.*

*L-attur m'accettax din l-istima u ma kienx dispost li jaqbel ghaliex ried lill-konvenuti jhallsu u mbaghad kien dispost li jlestilhom ix-xoghlijiet.*

*Il-konvenuta tispjega li kienet applikat mal-Housing Authority f'isem hutha u fl-istess applikazzjoni kienet*

*iddentifikat ix-xoghlijiet li kellhom isiru mill-attur, kif spjegat qabel. Apparti minn hekk, l-attur kellu jtella' hajt hdejn il-kcina, sabiex issir kamra tas-sodda.*

*Tikkonferma wkoll li l-attur kien taha stima ta' seba' mija u hamsin lira Maltin (Lm750) u cioe' ekwivalenti ghal elf, seba' mija u sebgha u erbghin ewro u tliet centezmi (€1,747.03) ghal dawn ix-xoghlijiet u kienet annettiet din l-istima mal-applikazzjoni tal-Housing. Tghid li kienet hallsitu tmien mitt lira Maltin (Lm800) u cioe' ekwivalenti ghal elf tmien mija u tlieta u sittin ewro u hamsin centezmu (€1,863.50), izda qatt ma kien tah ircevuti ohra apparti ta' dawn is-seba' mija u hamsin lira Maltin (Lm750) u cioe' ekwivalenti ghal elf, seba' mija u sebgha u erbghin ewro u tliet centezmi (€1,747.03).*

*Tghid li l-ilmenti li kellhom kien dwar it-tqeghid tal-madum izda l-konvenut qatt ma qalaghhom.*

*Ikkonfermat ukoll li wara li l-attur lesta x-xoghlijiet ai finijiet tal-Housing, kienet inkarigatu sabiex jaghmel xi xoghlijiet ohra. Kien ghamel xi xoghlijiet fil-kamra tal-banju u kellha ilmenti fuqhom.*

*Fuq dawn ix-xoghlijiet ma kienitx talbet stima u lanqas ma kien tah wahda l-attur.*

*Il-konvenuta tinnega li l-attur kien ghamel xi xoghlijiet fil-bitha. Kulma kien ghamel kienet trinka biex ighaddi ghal gol-kamra tal-banju. Il-bqija x-xoghlijiet kienu saru.*

*Il-konvenuta tibqa' tinsisti li ma hallsitx peress li l-kont kien gholi.*

*Ra x-xhieda tal-Perit Randolph Bartoli li kien gie nkarigat mill-konvenuti u ghalhekk hejja rapport datat 27 ta' Novembru 2008 wara li l-konvenut kien lesta x-xoghol. Ighid li l-ammont li wasal ghalih fl-istima kien minghajr VAT.*

*Kien hemm certi differenzi bejn ir-rapport tieghu u l-kont tal-attur u dawn qed jigu elenkati fis-segwenti mod:-*

*(i) tnehhija ta' sigar, baxxa l-hamrija u garr ta' materjal fil-bitha - kien hemm diskrepanza ta' hmistax-il ewro (€15) li ma kenitx wahda esagerata ghaliex kien ikkalkola dan l-ammont fuq average ta' kif kienu qed imorru l-affarijiet.*

*(ii) Torba u art tal-konkos fil-bitha – elf ewro (€1,000) u l-attur kien qed jitlob tnejn u ghoxrin Ewro (€22) izjed, li ghal Perit ma kienx hemm diskrepanza kbira meta tinhadem fuq average;*

*(iii) Saqaf tal-bricks fil-bitha – tliet mija u hamsin ewro (€350) u kien hemm dikrepanza ta' tmien ewro (€8) ghaliex l-attur kien qed jippretendi tliet mija u tmienja u hamsin ewro (€358) u ghalhekk ma kienx hemm differenza sostanzjali anqas;*

*(iv) Saqaf, eghluq ta' zewg bibien u ftuh ta' bieb u tibdil ta' bieb ghal tieqa u dawn indika ammont ta' mitejn u sebghin ewro (€270), u l-attur ikkalkola ammont ta' mija u sebgha u sebghin ewro (€177), pero' mill-kalkolazzjonijiet li ghamel il-Perit kien ikkalkola bieb aktar;*

*(v) Trinka, katusa u konkos fuq il-katusa ikkalkola ammont ta' mitt ewro (€100), pero' dan gie kkalkolat fuq medda ta' katusi. L-attur kien qed jitlob mitejn u zewg ewro (€202) peress li pogga tliet katusi - hawn kien hemm differenza sostanzjali u peress li meta mar fuq il-post, il-katusa kienet miksija bil-konkos, ma setax ighid jekk kienux tpoggew tliet katusi kif qed ighid l-attur. Li kieku kellu jirrivedi l-ammont ma kienx jikkalkola li kien ser iqum aktar minn mija u hamsin ewro jew mija u sittin ewro (€150)/( €160);*

*(vi) Tqeghid ta' madum hames mija u hamsin ewro (€550) u l-Perit ikkalkola dan l-ammont ghat-tqeghid tal-madum kollu. L-attur kien qed jippretendi hlas ghal tqeghid tal-madum tal-hajt fil-kcina, kisi u tikhil tal-kcina u zewg passati zebgha fl-ammont ta' mitejn u sebghin ewro (€270). Kien hemm ukoll tqeghid ta' madum fil-kamra tas-sodda u l-kaxxa tad-drenagg mitejn u erbgha tmien ewro (€284) u qlugh ta' madum minn gol-bitha u tqeghid ta'*

*madum gdid mija u wiehed u ghoxrin ewro (€121). Ghalhekk l-attur kien qed jippretendi total ta' sitt mija u hamsa u sebghin ewro (€675);*

*Il-Perit ighid li generalment l-ispejjez sabiex issir il-kaxxa tad-drenagg kienu ta' hamsin ewro (€50), pero' ma kienx inkludih fl-istima tieghu.*

*(vii) xoghol ta' tikhil, kisi u zebgha fis-sular t'isfel – disa' mitt ewro (€900) u dan kien jekwivali ghax-xoghol li l-attur indika bhala tikhil, zewg passati zebgha fil-kamra ta' barra, baqqan il-bitha u ksijha u taha zewg passati zebgha, kif ukoll kisi u tibjid ta' washroom u tas-saqaf il-gdid li saqqaft bil-bricks.*

*(viii) garr ta' materjal mill-post ghal Perit l-istima kienet ta' mitejn u tletin ewro (€230), filwaqt li l-attur kien qed jitlob tliet mija u wiehed u ghoxrin ewro (€321) ghal tnax-il vjagg terrapien u materjal iehor li garr il-post u ghal Perit, dan kien ammont pjuttost sostanzjali meta kkomparat ma' kif kienu qed imorru l-prezzijiet, pero' ma kienx hemm regola ta' kemm kellu jzomm.*

*Il-Perit jikkonferma wkoll li ma kienx inkluda fir-rapport tieghu stima fuq ix-xoghol tal-iskylight, tikhil u tibjid tat-tromba.*

*Il-Perit ighid li ma setax jiftakar li kien hemm xi ilmenti jew jekk kienx gie ingaggat biex jaghti stima tax-xoghlijiet peress li l-attur kien qed jirrifjuta li johrog ircevuti ghax-xoghol tieghu jew minhabba li l-konvenuti hassew li x-xoghol ma kienx sar skont is-sengha u l-arti.*

*Dwar il-kisi u t-tikhil, l-Perit ighid li kien ikkalkola x-xoghol f'stima wahda u ma setax jikkonferma li ma kienx sar kisi fil-kcina.*

*Il-Perit jikkonferma li l-istima kienet ibbazata fuq xoghol li kien sar sew u qatt ma kienu talbuh sabiex jaghmel stima fuq ix-xoghol hazin.*

*Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.*

*Ikkunsidra*

*L-attur kien gie ingaggat mill-konvenuti sabiex jaghmilhom xoghlijiet fid-dar taghhom. Originarjament kien gie ngaggat peress li l-konvenuta kienet applikat mal-Awtorita' tal-Housing sabiex jinghataw sussidju biex jaghmlu xi tiswijiet fid-dar taghha.*

*Ghal dawn ix-xoghlijiet gie stabbilit li l-attur kien ta lill-konvenuti rcevuti ghall-hlasijiet li kienu ghamlu li kienu jammontaw ghal seba' mitt lira Maltin (Lm700) u cioe' ekwivalenti ghal elf, sitt mija u tletin ewro u sitta u hamsin centezmu (€1,630.56).*

*Kienet il-konvenuta li kienet talbitu jkompli jaghmel xi xoghlijiet ohra fid-dar taghhom. Jirrizulta li ma kienx hemm xi ftehim prestabbilit fuq il-prezz tax-xoghol u aktar minn hekk, l-attur stess jispjega li ma setax jaghti stima ghal kollox, peress li kien hemm certu xoghol, bhal tnehhija tal-hamrija, fejn kellu jara l-vjaggi li kellu jaghmel.*

*Kien biss meta fl-ahhar ghadda stima tax-xoghlijiet li kien ghamel, li l-konvenuti rrifjutaw li jhallsuh.*

***1. L-Intempestivita' tal-azzjoni***

*Il-konvenuti eccepew illi dina l-azzjoni attrici kienet wahda intempestiva.*

*Gab provi li kien hemm laqghat bejniethom sabiex jaslu ghal ftehim, pero' l-attur baqa' jinsisti li ried jithallas u ma kienx dispost li jimxi fuq ir-rapport tal-perit u jikkonkludi xi xoghlijiet ohra, diment li ma jithallasx.*

*L-attur kien baghat zewg ittri gudizzjarji fit-13 ta' Ottubru 2008 u fid-9 ta' Dicembru 2008 fejn talab lill-konvenuti l-hlas ghax-xoghlijiet li kien ghamel.*

*Ghaldaqstant, dina l-eccezzjoni qiedgha tigi respinta.*

***2. Ammont Mitlub kien Eccessiv***

*L-attur kien ghamel prospett tax-xoghlijiet li kien ghamel u kien qed jippretendi l-ammont ta' tliet elef, mija tmienja u hamsin ewro, tlieta u sittin centezmi (€3 158.63).*

*Mill-provi prodotti jirrizulta li ma kienux gewipprezentati rcevuti, ghajr ghal dawk li kien jehtieg ghas-sussidju, li fi kwalunkwe kaz ma gewx esebiti.*

*Il-kontestazzjoni da parti tal-konvenuti kienet tirrigwarda l-kont li pprezentalhom l-attur.*

*It-Tribunal josserva li kien minhabba f'hekk li l-konvenuti inkarigaw lill-Perit Randolph Bartoli biex jaghtihom stima realistika tax-xoghlijiet li ghamel l-attur.*

*Meta dan it-Tribunal sema' il-Perit Bartoli u ghamel paragun tax-xoghlijiet li gew indikati mill-Perit ma' dawk li ndika l-attur, irrizulta li kien hemm diskrepanzi minimi ghal hafna mix-xoghlijiet. L-unika darba li l-Perit Bartoli kkumenta li l-ammont mitlub kien deherlu eccessiv, kien ghal dak li jirrigwarda x-xoghol ta' trinka, katusa u konkos fuq il-katusa. Hawn il-Perit ikkalkola ammont ta' mitt ewro (€100), pero' dan gie kkalkolat fuq medda ta' katusi.*

*Minflok l-attur kien qed jitlob mitejn u zewg ewro (€202) peress li pogga tliet katusi. Hawn si tratta ta' mija u zewg ewro (€102) differenza. Il-Perit pero' jispjega li ma setax jikkonferma li kien hemm aktar minn katusa wahda pogguta mill-attur, ghaliex kien sabha miksija bil-konkos izda anke jekk kien minnu, kien jikkalkola li ghal dan ix-xoghol, l-attur ma kellux izomm aktar minn mija u hamsin ewro (€150) jew mija u sittin ewro (€160) u hawn kien hemm differenza sostanzjali u peress li meta mar fuq il-post, il-katusa kienet miksija bil-konkos, ma setax ighid jekk kienux tpoggew tliet katusi kif qed ighid l-attur. Li kieku kellu jirrivedi l-ammont ma kienx jikkalkola li kien ser iqum aktar minn mija u hamsin ewro (€150) jew mija u sittin ewro (€160) b'differenza ta' cirka hamsa u hamsin ewro (€55).*

*Skont il-Perit, kien hemm differenzi fl-istimi ghal dak li jirrigwarda t-tqeghid ta' madum fl-ammont ta' hames mija u hamsin ewro (€550) u l-Perit ikkalkola dan l-ammont ghat-tqeghid tal-madum kollu. L-attur kien qed jippretendi hlas ghal tqeghid tal-madum tal-hajt fil-kcina, kisi u tikhil tal-kcina u zewg passati zebgha fl-ammont ta' mitejn u sebghin ewro (€270), ghat- tqeghid ta' madum fil-kamra tas-sodda u l-kaxxa tad-drenagg fl-ammont ta' mitejn u erbgha u tmenin ewro (€ 284) u qlugh ta' madum minn gol-bitha u tqeghid ta' madum gdid fl-ammont ta' mija u wiehed u ghoxrin ewro (€121). Ghalhekk l-attur kien qed jippretendi total ta' sitt mija u sebgha u hamsin ewro (€675).*

*Il-Perit indika wkoll bhala talba ghall-ammont eccessiv, l-ammont ghal garr ta' materjal mill-post ghal Perit l-istima kienet fl-ammont ta' mitejn u tletin ewro (€230), filwaqt li l-attur kien qed jitlob tlett mija u wiehed u ghoxrin ewro (€321) ghal tnax-il vjagg terrapien u materjal iehor li garr il-post. Madanakollu, l-Perit qal li kien ghamel il-kalkolazzjonjiet fuq "average" ta' kif kienu qed imorru r-rati jew il-prezzijiet, pero' ma kienx hemm regola ta' kemm kellu jzomm, in partikolari f'dan ir-rigward.*

*It-Tribunal jinnota ukoll li l-istima tal-Perit kienet aktar minn dik li kien qed jippretendi l-attur u apparti minn hekk, lanqas ma kienet tinkludi l-VAT. Il-Perit kien wasal ghall-ammont ta' elf disa' mija u hmistax-il lira Maltin (Lm1,915) u cioe' ekwivalenti ghal erbat elef erba' mija u sittin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€4,460.75).*

*Minn dawn il-kalkolazzjonijiet jidher li hemm xi diskrepanzi sostanzjali ta' xi tliett mitt ewro (€300) cirka, izda meta jigi kkunsidrat li l-istima tal-attur kienet anqas minn dak li kkalkola l-Perit u tenut kont ukoll tal-fatt, li f'hafna mix-xoghlijiet, l-attur kien gust u realistiku ghaz-zminijiet ta' llum, ma jistax jilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut li l-ammont mitlub huwa eccessiv.*

*Aktar minn hekk, kien hemm certi xoghlijiet li l-Perit ma nkludiex fl-istima tieghu u dan ghal dak li jirrigwarda ix-xoghol tal-iskylight, tikhil u tibjid tat-tromba, kif ukoll il-*

*kaxxa tad-drenagg. Fuq dawn ma kien hemm ebda kontestazzjoni da parti tal-konvenuta li l-attur ma wettaqx dawn ix-xoghlijiet.*

*Tant hu hekk, li anke meta jidher li xi ammonti mitluba huma eccessivi, ghal xoghlijiet ohra, l-attur kien zamm anqas minn kif kienu qed imorru l-prezzijiet u dan sahansitra meta ma kienx hemm qbil fuq stima u ma nghatawx ircevuti, li lkoll huma fatturi li setghu jwasslu lill-attur biex japprofitta ruhu. Ghal kuntrarju, l-attur kien ragjonevoli ghal dak li kien qed jippretendi ghax-xoghlijiet tieghu.*

***3. Xoghol difettuz u mhux skond is-sengha u l-arti***

*Il-konvenuti eccepew ukoll li x-xoghlijiet li kien sar ma kienx sar skont is-sengha u l-arti.*

*Jissemma' li xi madum ma kienx tpogga sew, li kien hemm xi madum maqsum, li l-attur ma biddilix, minkejja li kien wieghdhom li ser ibiddilhom.*

*Provi ohra in sostenn ta' dan ma gewx ipprezentati. Anzi, l-konvenuta tikkonferma car u tond li ma hallsitx peress li hasset li l-kont kien gholi.*

*Kien mistenni, li forsi l-Perit Randolph Bartoli, inkarigat mill-konvenuti, kien jiddentifika li kien sar xoghol difettuz, jew mhux skont is-sengha u l-arti, anzi ghall-kuntrarju, il-Pertit jikkonferma li kien gie nkarigat sabiex jaghtihom stima tax-xoghlijiet li kien ghamel l-attur u ma jiftakarx li kien hemm xi ilmenti.*

*It-Tribunal josserva li l-provi in sostenn ta' dina l-ecezzjoni huma ghal kollox fjakki, jew addiritura prattikament inezistenti u hija biss il-konvenuta li rreferiet ghal xoghol hazin. Anzi, t-Tribuhal hassu aktar konfuz meta l-konvenuta sostniet li kien l-attur li ried il-Perit u li kien ingaggah hu stess. Hemm konfuzjoni totali fix-xhieda taghha, tant li ghal dan it-Tribunal, l-attur kien aktar kredibbli fil-verzjoni tal-fatti.*

*Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur s-somma ta' tliet elef, mija tmienja u hamsin ewro, tlieta u sittin centezmi (€3,158.63) rapprezentanti bilanc dovut ghax-xoghol ta' kostruzzjoni u xoghlijiet ohra ancillari ezegwiti mill-attur u kif ukoll ghal materjal minnu supplit u dan fuq l-inkarigu tal-konvenuti, liema xoghlijiet u materjal gew accettati mill-konvenuti.*

*Bl-ispejjez u bl-imghax ulterjuri mid-data ta' meta kien dovut il-pagament sad-data tal-pagament effettiv."*

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Liliana *sive* Emanuela Cauchi et datat 2 ta' Awwissu 2011 fejn talbu lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnha mressqa tilqa' l-appell taghha u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanti kontra l-istess appellat.

Rat ir-risposta tal-appell ta' George Baldacchino (ID No 290963 M) datata 25 ta' Awwissu 2011 a fol 5 tal-process fejn sostna ghar-ragunijiet hemm indikati li d-decizjoni tat-Tribubal ghal Talbiet Zghar hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-12 ta' Jannar 2012.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-12 ta' Jannar 2012 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Michael Grech ghall-appellat prezenti u Dr. Mark Busuttil ghall-appellant prezenti. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghat-28 ta' Gunju 2012, u l-kawza giet rikjamata ghas-seduta tas-26 ta' Gunju 2012.

Rat li d-difensuri tal-partijiet taw ruhhom notifikati bl-avviz tar-rikjam tal-kawza.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet premessi datata 13 ta' Lulju 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-aggravji tal-appellanti huma (i) l-attur qed jippretendi li jithallas ta' xoghol li ma ghamilx u dan kif elenkati minnu fil-paragrafi (a) u (b) tar-rikors tieghu tal-appell; (ii) sostna li l-attur kien kisser xi tlett madumijiet u wkoll li s-sodda tal-madum kienet diffettuza; (iii) li t-Tribunal allura fuq dan il-punti injora x-xhieda prodotta mill-appellanti f'dan ir-rigward nkluz li l-attur ma pprezentax stimi u ricevuti.

Illi dan l-appell huwa fil-fatt appell mill-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal u dwar dan jinghad li huwa principju li din il-Qorti affermat diversi drabi nkluz fis-sentenza **"Fibermar Company Limited vs Christian Camilleri"** (A.I.C (RCP) – 27 ta' Ottubru 2011) li f'dak li huwa apprezzament ta' provi hija ma tiddisturbax facilment id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti hlief meta jirrizulta li jkun sar zball manifest li jkun pregudika serjament l-andament tal-kawza u kkawza ingustizzja lill-parti lesa. Ta' l-istess portata huma s-sentenzi **"Rausi Insurance Agency Limited vs Charles sive Carmel Galea et"** (A.C. – 16 ta' Frar 2007); **"Sunsport Tours Limited vs C. H. Caterers Limited"** (A.C. – 24 ta' Settembru 2004); **"Elena Magri et vs Rosaria Borg"** (A. C. – 10 ta' Frar 1961); **"Beatrice Manche nomine vs Maria Montebello"** A. C. – 13 ta' Frar 1961); **"Giuseppe Buttigieg vs Nicola Aquilina"** A.I.C. – 11 ta' Settembru 1939).

Illi dwar l-aggravji mressqa jidher li dawn gew kollha ikkunsidrati mill-istess Tribunal fid-decizjoni tieghu u dwar l-allegazzjoni li l-attur qed jitlob li jithallas ta' xoghol li ma sarx minnu jinghad li l-provi attrici f'dan ir-rigward ma kienux fil-grad rikjest mill-ligi, tant li l-Perit ex parti inkarigat mill-appellanti stess lanqas indika dan fir-rapport tieghu u fil-fatt jirrizulta li gie ritenut mit-Tribubal li l-istima tal-perit tikkombaccja ma' dik maghmula mill-attur appellat.

Illi dwar it-tieni aggravju japplika l-istess argument hawn indikat ghall-ewwel aggravju u allura anke dan it-tieni aggravju huwa bla bazi, kemm minhabba li l-allegazzjoni attrici f'dan ir-rigward ma giex attwalment ippruvata, kif ukoll abbazi tal-fatt li t-Tribunal ikkonsidra l-istess fid-dawl tal-provi prodotti u jidher li sar apprezzament sew mill-istess Tribunal, f'decizjoni ben motivata, li tispjega ghaliex dan l-ilment ma ntlaqax mit-Tribunal, u wkoll ghaliex allura din il-Qorti qed tichad dan l-aggravju.

Illi dwar it-tielet aggravju jirrizulta li dwar l-allegazzjoni li tkissru xi madumijiet (fl-appell jissemmew tlieta meta l-konvenuta semmiet tnejn) u li s-sodda tal-madum saret hazin jinghad li dan ma hemm xejn dwaru fl-istima tal-perit Randolph Bartoli datata 27 ta' Novembru 2008 (fol. 42) imqabbad mill-konvenuti appellanti stess u dwar dan ma qal xejn fix-xhieda tieghu tat-3 ta' Marzu 2011 li b'xi mod jikkorobora t-tezi tal-appellanti u certament allura li fuq dawn il-punti wkoll dan l-aggravju ma jirrizultax li huwa gustifikat ghaliex mhux pruvat u allura qed jigi michud.

Illi dwar l-ahhar aggravju fis-sens li qed jinghad li t-Tribunal ma hax konsiderazzjoni tal-provi tal-konvenuti appellanti, din jirrizulta li hija allegazzjoni fierha u bla ebda bazi, kif id-decizjoni stess tat-Tribunal fuq riportatata turi bla ebda dubju ta' xejn u ghalhekk anke dan l-aggravju qed jigi michud.

Illi b'hekk l-appell qed jigi michud.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appellat datata 26 ta' Awwissu 2011 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellanti** Liliana *sive* Emanuela Cauchi et fir-rikors tal-appell taghhom datat 2 ta' Awwissu 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, u b'hekk qed tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet **"George Baldacchino vs Liliana**

***sive* Emanuela Cauchi et" (Talba Numru 107/09 GMA)** datata 13 ta' Lulju 2011 ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-appellanti Liliana *sive* Emanuela Cauchi u Lawrence Cauchi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------